

Informazzjoni dwar is-segwitu għall-ilment multiplu rreġistrat taħt ir-referenza CPLT(2022)03325 – Ksur possibbli minn Franza tar-regoli tal-UE dwar is-suċċessjoni (Regolament (UE) Nru 650/2012) – aġġornament

Din il-komunikazzjoni tipprovdi informazzjoni dwar is-segwitu tal-Kummissjoni għas-serje ta' lmenti rreġistrati taħt in-numru ta' referenza ta' hawn fuq.

L-ilmentaturi jallegaw li l-Artikolu 913(3) tal-Kodiċi Ċivili Franċiż jikser ir-Regolament (UE) Nru 650/2012¹, b'mod partikolari d-dispożizzjoni li tippermetti lit-testaturi jagħżlu l-liġi tan-nazzjonalità tagħhom bħala l-liġi li tirregola s-suċċessjoni tagħhom fl-intier tagħha.

Il-Kummissjoni vvalutat l-allegazzjonijiet imressqa fl-ilmenti. Wara din il-valutazzjoni preliminari, fil-11 ta' Diċembru 2023, il-Kummissjoni kkuntattjat lill-awtoritajiet Franċiżi biex tiġbor informazzjoni addizzjonali. Il-Kummissjoni rċeviet it-tweġiba tal-awtoritajiet Franċiżi fit-12 ta' Frar 2024 u issa qed tivvaluta l-informazzjoni pprovduta qabel ma tiddeċiedi dwar il-passi li jmiss.

Il-Kummissjoni se tinforma lill-ilmentaturi permezz ta' dan is-sit web dwar kwalunkwe pass li jmiss li tiddeċiedi li tiegħu.

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 650/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar il-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonossiment u l-infurzar ta' deċiżjonijiet u l-aċċettazzjoni u l-infurzar ta' strumenti awtentiċi fil-qasam tas-suċċessjonijiet u dwar il-ħolqien ta' Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni